# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ — DIĊEMBRU

L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1971

## ĠIEĦ LIL MIN JISTĦOQQLU

*Nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru 1971, fl-Università Rjali ta' Malta kien hemm ċerimonja li nisslet hena u ferħ f'qalb kull Malti li jħobb ilsien pajjiżu. Fis-sala tal-librerija nkixfet irħama biex tfakkar żewġ kittieba, poeta u prożatur, li kienu minn ta' l-ewwel li tħabtu biex jaraw l-ilsien tagħna jieħu postu u sehmu fl-ogħla post tat-tagħlim f'Malta.*

*Dr. Rużar Briffa, B.Sc., M.D., u Dr. Ġużè Bonnici, B.Sc., M.D., kienu żewġ tobba li fl-1924 bdew il-kors fl-Università u ħadu l-lawrja fl-1931. It-tnejn ħarġu tobba għorrief; it-tnejn laħqu fil-Korp Akkademiku tal-Università; it-tnejn kellhom suċċess fil-karriera professjonali tagħhom, imma stħoqqu l-aqwa ġieħ għall-ħidma tagħhom b'risq il-Malti, ħidma li twettqet matul ħajjithom, minn żgħużithom sa mewthom.*

*Meta huma daħlu studenti fl-Università sabu li l-ilsien Malti kien imwarrab biex ma ngħidux imżeblaħ. Kien hemm ftit studenti, li jingħaddu fuq is-swaba' ta' id waħda, li kienu wrew ġibda lejn il-Malti, iżda ma sabux ħlief tmaqdir u ħars ikrah. Madanakollu ż-żgħażagħ Bonnici u Briffa ma qatgħux qalbhom; huma mill-ewwel intefgħu bil-ħrara kollha u bil-ħeġġa taż-żgħużija biex iqajmu tqanqila favur l-ilsien nazzjonali fost l-istudenti tal-Università.*

*Dik il-ħabta l-Gżira tagħna kienet akkwistat l-awtonomija fil-Gvern, u l-Ministri malajr intebhu li ma kellhomx mezz aħjar mill-ilsien tal-poplu biex ifissru l-fehma tagħhom lill-poplu. Minn naħa tiegħu l-poplu kien beda jħoss li ma satax ifisser ruħu aħjar milli jitkellem b'ilsienu. Għaxar snin qabel kienet twaqqfet "Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", illum magħrufa bħala "Akkademja tal-Malti", biex tagħti sura xjentifika lill-kitba bil-Malti, u biex twitti t-triq li minnha kellu jgħaddi l-ilsien Malti fil-mixja rebbieħa tiegħu biex jilħaq fejn hu llum.*

*Dik ix-xejra ġdida ġibdet warajha lil kull min kellu sentiment nazzjonali, lil dawk li kellhom qalbhom taħraq bl-imħabba għal Din l-Art Ħelwa tagħna.*

*Briffa u Bonnici mħeġġin mill-fundaturi tal-"Għaqda", Ġużè Muscat Azzopardi, Dun Karm Psaila, Dun Pawl Galea, Ġanni*

*Vassallo, Ninu Cremona, Franġisku Saverju Caruana u oħrajn bħalhom, ġabru ma' dwarhom studenti oħrajn mixgħulin bl-istess fehma, u waqqfu "Il-Għaqda tal-Malti" fl-Università, li minnufih sabet l-appoġġ tal-"Għaqda tal-Kittieba", tant li din kienet offriet fl-1926 ħarġa speċjali tal-perjodiku tagħha "Il-Malti", lill-istudenti ta' l-Università biex jiktbu fih huma biss.*

*Hekk dawk l-istudenti ħabrieka sabu min jagħmlilhom il-qalb biex juru ruħhom bħala kittieba tal-Malti. Minn dak il-bidu ħanin telqet il-karriera letterarja ta' Bonnici u Briffa. Briffa kiteb versi li jgħaxxqu u jsaħħru lil min jaqrahom, u llum hu magħdud bħala wieħed fost l-aqwa poeti tagħna. Bonnici kiteb proża mirquma u ħarkiena li tgħaġġeb lill-qarrej, u llum hu miżmum bħala wieħed mill-prożaturi l-aktar magħrufin fil- letteratura Maltija. Tant għamlu isem fil-qasam letterarju li llum ħadd ma jiftakarhom bħala Dotturi tobba, imma bħala awturi, Rużar Briffa u Ġużè Bonnici.*

*"Il-Għaqda tal-Malti" li waqqfu Bonnici u Briffa mxiet 'il quddiem u kellha sehem fl-isvilupp ta' l-ilsien Malti fl-Università. Meta hi twieldet, l-ilsien Malti ma kellux ħliefha biex jidher fl-Università. Illum dan l-ilsien tagħna jgawdi post mhux anqas minn ilsna oħrajn; għandu l-kattedra tiegħu, għandu dipartiment għalih, u fuq kollox daħal mhux biss fil-klassijiet, imma wkoll fl-amministrazzjoni ta' dak l-ogħla Ċentru Akkademiku ta' pajjiżna.*

*Ma' l-ilsien Malti xxettlet u kibret "Il-Għaqda tal-Malti" fl-Università. Illum hi waħda mill-għaqdiet l-aktar attivi ta' l-Università, għandha l-perjodiku tagħha "Leħen il-Malti", il-Membri tagħha huma mimlijin ħrara u ħeġġa u l-ħidmiet tagħha jirfdu l-ħajja goljardika. Ħafna Membri tagħha rnexxew fil-professjoni tagħhom, għamlu isem u laħqu f'postijiet mill-ogħla, saru Kapijiet, Ministri u personalitajiet magħrufin fil-Gvern u fil-Knisja, bosta minnhom laħqu Membri Akkademiċi magħna, u tant hi sħiħa r-rabta li hemm bejn l-Akkademja tagħna u "Il-Għaqda tal-Malti" li din hi ikkonsidrata bħala l-anti-kamera tal-Akkademja.*

*Mela kien jixraq li l-Akkademja tagħna u "Il-Għaqda tal-Malti" jissieħbu flimkien biex inwaħħlu rħama b'tifkira lil żewġ Maltin li jistħoqqilhom kull ġieh mhux biss bħala kittieba imma wkoll bħala promoturi u difensuri tal-ilsien tagħna. Kienet ukoll turija sabiħa tar-Rettur li bħala Kap tal-Università, jilqa' t-talba tagħna u jqiegħed l-irħama mal-ħajt tal-librerija biex kull min jidħol hemm jiftakar fiż-żewġ kittieba sħabna; u fl-aħħarnett hu ta' min ifaħħar lis-Sinjurina Karmen Mikallef Buħaġar li ħadet sehem ukoll biex seħħet din it-tifkira.*

# IŻMERIJA

Ta' F. Mangion.

Kien is-Sibt, ma kellix x'nagħmel;
Għidt, "Ha mmur nara ħabib!"
Hadt il-lift u nżilt id-dwana.
'Mma 'l Anton ma stajtx insib.

Qgħadt mument madwari nħares:
Baħar sieket, ikħal nir;
Fieragħ, tista' tgħid għal kollox.
Kien dil-ħabta l-Port il-Kbir.

Erġajt lura, qbadt it-trejqa
Li tmur lejn **Victoria Gate:**
Bejn is-sħana u bejn ir-rwejjaħ
Donnu beda jtini l-mejt.

U quddiem il-pixkerija,
Nofs moħbija qalb id-djar,
Rajt il-knisja ċkejkna u ħelwa
Hemm imrekkna barra s-swar.

Dħalt: il-għodwa kienet ġmielha
Resqet lejn in-nofs in-nhar;
U ma kienx hemm ruħ fil-knisja.
Meta nxħett quddiem l-artal.

Ftakart, kif erfajt għajnejja
Lejn l-inkwadru tal-maġġur,
U lejn sitt inkwatri iżgħar
Li ftit tefgħu fil-kulur,

Illi din il-knisja hija
Xhieda ta' l-egħġubijiet
Li l-Madonna ta' Liesse twettaq
Hawn u fl-ibgħad artijiet.

U bil-ħerqa flejt l-inkwatru
Tal-Madonna bil-Bambin,
Ħdejhom anġlu, statwa f'idu,
'L isfel tliet żgħażagħ reqdin:

Kienu t-tlieta kavallieri
Kif stajt nara mis-salib
Jilma fidda fuq sidirhom,
U ftakart minn kemm tiġrib

Kellhom jgħaddu, u f'Iżmerija,
Bint sabiħa tas-sultan,
Li ħarrbithom, u għall-Madonna
Telqet dinha tal-Quran.

Aktar minn erba' mitt sena
Qabel l-Ordni ta' San Ġwann
Wasal Malta, u l-Gran Mastru
L'Isle Adam ħatruh sultan,

L-Ordni ssielet fl-art Imqaddsa
F'Askalon, u l-Kavallieri
Tas-salib abjad it-tlieta
Ġew maqbuda priġunieri.

Kienu ġens Franċiż, in-nobbli
Klawdju, Luċ'du, u Florjan,
Minn Laon fil-Pikkardija,
Issa lsiera tas-Sultan.

"Din il-ħila li 'l-armati
Tiegħi biha tisfidaw
Minn fejn ksibtu?" huwa staqsa,
"Għandkom xi seħer jaqaw?"

Wieġbu t-tliet żgħażagħ Franċiżi
Minn quddiem u qalbenin:
"Tagħna s-saħħa kollha qiegħda
Biss fil-Fidi, fit-twemmin."

Is-sultan imgħaddab għajjat:
"Jien infarrku dat-twemmin
Giddieb tagħkom, u jaqblilkom
Mn'issa ssiru misilmin.

Insew li twelidtu nsara:
Ićħdu l-fidi tas-Salib!
U fl-Eġittu jiena nwiegħdkom
Illi ma tidħlux f'tiġrib;

Imma, bil-maqlub, setgħana
Jien nagħmilkom prinċpijiet,
U b'għarajjes ukoll lilkom
Nagħti lil uliedi bniet."

'Mma quddiem is-sultan l-aħwa
Baqgħu sħaħ fit-twemmin tagħhom;
Għalxejn wiegħed, għalxejn hedded,
U ġo l-eħrex ħabs tefagħhom.

Tassew hu ma riedx joqtolhom,
Nobbli żgħażagħ, fjur il-ġmiel:
Misilmin riedhom isiru,
U jaqduh ta' wlied irġiel.

Bagħat għalhekk lil Iżmerija
Tiegħu l-isbaħ fost il-bniet,
Biex jinsobhom għall-ħsieb tiegħu.
Iżmerija fil-ħabs ġiet:

Xebba sbejħa, xagħarha iswed.
U spallejha avorju fin.
Għajnejn fondi qishom ibħra.
Tħeġġeġ ġawhar u tiżjin.

Tathom tagħha, u ta' ħutha.
Bl-akbar ħlewwa kull tagħrif:
Kellha żewġt aħwa iżgħar minnha.
U qaltilhom ukoll kif

Kien missierha stess li bagħatha
Li xtaqilhom ġid bis-sħiħ.
U għalkemm tiegħu priġunieri,
Lejhom kellu qima u ġieh.

"Għaliex ma tiċħdux twemminkom?"
"Qatt!" weġbuha l-aħwa lkoll
"Din ir-rabta bejna u Kristu
Ħadd ma jirnexxilu jħoll"

"Imma Kristu abbanunakom."
Qalet hi, "u marbutin
Sibtu ruħkom f'dal-ħabs waħxi
Bogħod minn nieskom, imgħakksin!

"Itilquh lil Kristu tagħkom,
Bħal ma hu telaqkom ġa;
Agħmlu bħall-oħrajn u gawdu
L-ogħla unuri u libertá.

"Idħlu taħt ġwejħajn Mawmettu
Li, b'qabd' Għarab qalbenin,
Rebaħ, tista' tgħid id-dinja,
F'isem Allaħ fi ftit snin,,.

"Iva," wieġbu l-aħwa, "żara'
Qirda u odju u xerred dmija:
Kristu d-dinja kollha rebaħ
Jgħajjat paċi u ħbiberija."

Iżmerija mbagħad staqsiethom
jekk kenux ħallew imnikkta
Xi għarusa meta telqu...
Klawdju kiser hawn is-sikta.

Qallha: "Aħna kavallieri,
Nisa għandna waħda biss.
Din l-għarusa għażiża tagħna,
Lilha nħobbu kif imiss".

U hawn ħareġ statwa ċkejkna
Tal- Madonna u l-Bambin.
Iżmerija tħawdet, "Sbejħa",
Qalet, "Sbejħa, min hi din?"

"Din Marija", wieġeb Klawdju,
"Verġni u Omm dan il-Bambin.
Omm Ġesù, Omm Alla." Siktet
Iżmerija dak il-ħin

Ħadet f'idha dik l-immaġni,
Flietha b'ħarsa ta' tmaqdir,
Reġgħet lilhom tatha lura,
U mn'hemm telqet bla tnikkir.

Ma damux liż-żgħażagħ tagħna
Ma karkruhom f'ħabs fil-blat,
Ħabs mudlam, iċarċar l-ilma,
Umdu, jinten, immuffat.

Ma' saqajhom u ma' idejhom
Rabtu ktajjen tal-ħadid:
Bil-kemm setgħu fl-art jitkarkru,
Sabiex jiċċaqalqu ftit,

Sa ħdejn qabda tiben oħxon,
Fejn jimteddu għall-mistrieħ,
Jew ħdejn mejda fejn żir ilma
Bi ftit ħobż imfittet fih.

Ġew il-għases, u bla ħniena,
Lilhom neżżgħu, u sawtuhom,
Sa ma ntilfu; b'mewta kiefra
Wara wkoll bdew iheddhuhom.

Dik l-immaġni hekk għal qalbhom
Tal-Madonna u l-Bambin
Ċarrtu minnhom u seħquha
Bi ħruxija t'argużin.

U fiċ-ċfales ta' ċellithom
Lit-tliet żgħażagħ imsejknin
Dawk l-iżbirri mingħajr ħniena
Ħallew sajma u nofs mejtin.

Hekk għaddew jumejn jew tlieta,
U Iżmerija reġgħet ġiet,
Tħeġġeġ ta' l-orjent bil-fwejjaħ
U l-ħarir u d-dehbijiet.

Hi qaltilhom: "Issa naħseb,
Illi tliftu t-taliżman,
Imhejjija sabiex tilqgħu
It-twiddiba tas-sultan."

Imma wieġbu l-aħwa t-tlieta:
"Dik l-immaġni tal-Madonna
Le ma tlifna, għadha f'qalbna,
U nħobbuha daqs kemm konna."

Iżmerija saħnet u għajtet
Li l-immaġni hekk setgħana
Kienet saħħret mhux biss 'l-aħwa,
Imma lilha Mawmettana.

"Din l-immaġni mhix saħħara
Imma 'l-Verġni mqaddsa tfakkar:
Tatek grazzja li tagħrafha,
Għarkubbtejk, u lilha faħħar!"

Hi heddithom illi msawta
Għal mewt jiġu, u mbiċċrin,
Imbagħad ħarbet b'rogħda fuqha,
Tgħid li kienu megħwijin.

U xeħtuhom f'toqba f'torri,
Fejn bil-kemm arja kien hemm,
Fejn id-dawl kemm kemm inemnem,
U sawtuhom sa ma d-demm

Beda jċarċar ma' ġisimhom.
L-għada kmieni mislubin
Kellhom jiġu, u għaddew lejlhom
Jagħmlu l-ħila lil xulxin.

Beda jżernaq, meta semgħu
Il-kanċell il-kbir jissabbat:
Ħasbu li sigħathom waslet,
Qalbhom sitta sitta tħabbat

Bdew jitolbu lill-Madonna...
Xħin fil-bieb, fis-siegħa u l-ħin,
Dehret Iżmerija, liebsa
Libsa twila, bla tiżjin;

Wiċċha sfajjar, b'għajnejn ħomor,
Illi xebgħu jxerrdu d-dmugħ:
B'dawl inemnem kixfet wiċċhom;
Huma stejqru, ħadu r-ruħ.

"Intom tgħidu," tniehdet, "illi
Bħala nsara taħfru dejjem:
Aħfru lili wkoll, nitlobkom,
Li ttrattajtkom agħar mill-bhejjem."

"Aħna ġa ħfirnielek," wieġbu,
"Għax twemminna mħabba jrid,
Mhux mibegħda; ħbieb tal-qalb,
Li bħal aħwa jimxu id f'id."

Iżmerija nfexxet f'bikja:
"Sbejħa din il-Fidi tagħkom;
Jien nitlobkom ħajr minn qalbi,
Li tiġbruni ridtu magħkom.

"Tabilħaqq, kemm jisgħobbija
Li kissirt, jien, f'ferħ ta' ġenn,
Dik l-istatwa hekk qaddisa
Ta' l-Omm li ma tafx ħlief tħenn!

"Jiena 'l ommi tliftha kmieni,
Li tkun ommi kemm nixtieq:
Inkun tifla ta' Marija,
U oħtkom miexja fl-istess triq!"

L-aqwa xewqa t'Iżmerija
Minn għand l-aħwa kienet din:
Li l-immaġni terġa' tikseb
Tal-Madonna bil-Bambin.

"Intom tgħidu li l-immaġni
Qiegħda f'qalbkom: injam haw',
Haw' stallett biex tonqxuhieli!"
U t-tliet żgħażagħ ingħataw

Għax-xogħol iebes il-lejl kollu:
Ma kenux skulturi u qalbhom
Malajr qatgħu; u għajjiena
Raqdu waqt li kienu f'talbhom.

Meta f'daqqa dawl mill-isbaħ
Xaqq fiċ-ċella, u fil-ħin
Statwa sbejħa u ċkejkna dehret
Tal-Madonna bil-Bambin.

Qabel tlugħ ix-xemx fil-għodu,
Iżmerija fil-ħabs ġiet,
Rat l-istatwa, u lil Marija
Qabdet titlob f'dak is-skiet:

L-akbar ferħ għajnejha fawwar,
L-isbaħ dija wiċċha mliet;
Tabilħaqq saret bħal oħthom.
għall-martirju wkoll hejjiet.

Imma ħin bla waqt staqsiethom
Jekk il-Fidi tgħidilhomx
Biex għalxejn ixerrdu demmhom,
Jew jaħarbu tħallihomx?

Is-Sultan kien taha kull setgħa
Fuq daż-żgħażagħ, u malajr
Hejjiet kull ma jeħtiġilhom
Biex jaħarbu: Iżżu "ħajr".

Hi qaltilhom, "lil Marija,
Itolbuha bl-akbar ħrara;
Magħna nieħdu x-xbieha tagħha,
Biex tħarisna minn kull ħsara.

"Għaliex jien biħsiebni niġi
Sa pajjiżkom. Hawn stennew:
Dalwaqt kellhom jiġu l-għases,
Niġi jien, isimgħu sew:

"Inġib miegħi ħwejjeġ xierqa,
U qaddejja li nafd'hom..."
Meta jroxx id-dlam, fid-dgħajsa
Fuq in-Nil, min se jar'hom?

Harġu siekta minn ġoċ-ċella,
Meta l-lejl kien daħal ġmielu;
Qabdu x-xmara u telgħu magħha
Sa ma fuq l-għadajjar mielu.

Fejn in-Nil jintafa' l-baħar
Il-kbir minn sebat iħluq:
Wita mgħaddar, fejn il-ħarsa
Twassal, ma tarax maħluq.

Imma d-dawl ġdid ta' fil-għodu
Kien ġa jperper fuq in-Nil:
"Is-Sultan iqajjem l-għases
Maż-żerniq minn ngħashom tqil;

"Nistaħbew ġo dan il-masġar
Tal-palm", qalet Iżmerija,
"Aħna għajjiena, ejjew norqdu
Taħt il-ħarsa ta' Marija!"

Ix-xemx ħamra minn ġox-xefaq
Bil-kemm kienet għadha għoliet,
Meta, mkissra mit-tbatija
U t-taqtiq ta' qalb, fis-skiet.

U t-tifwiġ tal-palm imewweġ,
Tħannu u raqdu fis fil-fond:
Raw bħal sħaba tad-deheb nieżla,
U l-istatwa ddawwar tond.

Dik is-sħaba mbagħad bdiet tielgħa
Fl-iżraq safi tas-smewwiet,
Kien jinstama' l-kant ta' l-anġli
U ġwenħajhom f'dak is-skiet.

U huma wkoll ġos-sħaba kienu,
Fl-għoli mwieżna u mbennin,
Sa ma fetħu għajnejhom fl-aħħar,
U madwarhom, mistagħġbin,

Ħarsu, u raw mhux palmi jxejru
F'xatt in-Nil u ramel fin,
'Mma ballut f'kampanja ħadra,
Taħthom baqar u barrin

Jirgħu ġwejda fil-għelieqi;
U 'l hemm minnhom knejjes żgħar,
Mhux il-koppli tal-moskeji,
Imma slaleb, xi kampnar.

Raw mhux nies bi braneż fuqhom,
Raw nies bħalhom imlibbsin;
Nies jitkellmu bil-lsien tagħhom,
U mhux b'ilsna barranin.

"Hawn fejn aħna?" staqsa Klawdju
Lil raħħal li għadda qrib:
"Fil-kampanja Pikkardija,
Dil-belt ta' Laon, ħabib!

U l-kastell li qiegħed tara
Huwa dak ta' Eppe," qal;
"U fih hemm sinjura xwejħa
Tibki l-mewt ta' tlitt itfal."

"Mur għidilha", qallu Klawdju,
"Illi wliedha għadhom ħajjin!
U li ġew biex ta' xjuħitha
Ifarrġulha l-aħħar snin."

Hekk iż-żgħażagħ reġgħu lura,
Mal-Madonna u l-Bambin;
U Iżmerija x'se jsir minnha,
Bint sultan tal-Misilmin?

Iżmerija ġiet imgħammda,
U tat ruħha lill-Madonna:
Saret soru u f'kunvent mietet,
L-isbaħ fost il-ward tal-ġonna.

F'nofs il-masġar telgħet knisja,
U madwarha l-belt ta' Liesse.
Belt li baqgħet hekk magħrufa.
Għall-Mirakli t'għadd bla qies.

Meta ħriġt fil-bieb tal-knisja
U ħarist għal fuq il-Port.
Deherli li qed nilmaħ xini
Jiżloq taħti... 'mma żball mort!

Għaliex żmien il-kavalieri —
Dlonk intbaħt — kien għadda u miet!
X'baqa' mis-sbejħa Iżmerija?
U mill-aħwa? Tifkiriet!

Ġbidt għad-dell, u tlajt it-trejqa
Li tmur lejn **Victoria Gate;**
Dħalt il-Belt dejjem għat-telgħa,
U bil-qajla l-qajla mxejt.

# FTIETAQ ĊKEJKNIN

**Ta' Ġer. Azzopardi**

Qabel żmieni u fi tfuliti la kien hawn 'talkies', la T.V. u lanqas karozzi tal-linja ma kien hawn biex iġorru n-nies minn hawn għal hinn, ħaġa li ġiebet lill-Mellieħa qrib tal-Belt, jew kif igħid il-qawl "riħ ta' siegħa jnaddaf qiegħa" u f'radda ta' salib ibattlu l-belt minn dawk l-eluf li f'xi waqtiet jinġemgħu fiha.

It-toroq kienu għadhom imdawla bil-fanali bil-lampa tal-pitrolju, li ma' l-iċken żiffa jintfew u jaqa' dlam ċappa wkoll fejn kien hemm roqgħa ċkejkna ta' dawl mitfi. U moħħ il-kotra maltija ma kienx imdawwal wisq iżjed mit-triqat maltin f'lejla xitwija, għad li għemilhom aktarx li kien iżjed ġenwin.

Dak iż-żmien ir-raħal kien iċ-ċentru tal-ħajja għall-kotra ta' niesu u tista' tgħid li ħadd ma kien joħroġ minnu bla ħtieġa. Għalhekk ftit kien isir taħlit u bdil ta' ħsibijiet. Kulħadd kien jaf lil xulxin bil-ftietaq b'kollox għax moħħhom u għajnejhom aktarx li kienu biss f'għemil il-ġar.

Mela fi tfuliti niftakar raġel magħmul — Ġanni l-Felfuli — raġel twajjeb, iqum għal ta' l-ewwel u jisma' tat-tieni wkoll fix-xitwa għax ikun għadu ma sebaħx, u mal-għabex, malli jisma' l-qanpiena ddoqq hu jerħilha lejn il-knisja għar-ružarju, għajjien kemm ikun għajjien wara jum fl-għalqa, għax Ġanni kien jaħdem il-biċċtejn raba' li kellu.

Dak iż-żmien kien hawn id-drawwa li waqt il-quddiesa xi ħadd igħid ir-ružarju b'leħen ftit u xejn għoli biex l-erbgħa ta' ma' dwaru jgħidu miegħu. Ġanni kien wieħed minn dawn u donnu kellu l-għasel biex fil-knisja jiġbor ġgajta ma' dwaru biex igħidu miegħu r-ružarju. Meta kien jasal għat-tieni misterju tal-glorja kien igħid:— "Nikkunsidraw u nikkuntemplaw it-tieni misterju meta Sidna Ġesù Kristu tela' s-sema bil-bandiera u t-tanbur!"

Wara s-Salve Reġina kien igħid il-Paternostrijiet għall-fehma tal-Papa, lil San Ġużepp, lil Santa Katerina u San Duminku, għall-erwieħ u lil San Bert "biex ibegħedna minn tal-ġakketta ħamra fid-deżert."

Tal-ġakketta ħamra kienu s-suldati Ingliżi u darba oħti l-kbira (u din tennithieli das-sajf stess, meta kienet hawn Malta) li fis-sajf kienu fuq it-tarġiet ta' quddiem id-dar taz-zijiet, li dik il-ħabta kienet fit-tarf nett tar-raħal, miġburin ma' erba' nisa ġirien igħidu kelma għall-frisk, u m'għandniex xi ngħidu r-ružarju ma kienx jonqos qabel l-irqad. U din oħti, li kienet għadha daqsxejn ta' tfajla, wara s-Salve Reġina għamlet bħal Felfuli u talbet biex San Bert ibegħedhom minn tal-ġakketta ħam-

ra fid-deżert.

Malli lissnet dal-kelmiet mara qawwija, imlaqqma l-ħoxna, telqet tiġri lejn darha waqt li l-bqija komplew ir-rużarju. Kien ilhom li temmew ir-rużarju meta l-ħoxna reġgħet marret ħdejhom u qaltilhom "mela intom bqajtu hawn, jien tlaqt għax ħsibt li ġejjin is-suldati meta Karmni semmiet li ġejjin tal-ġakketta ħamra mid-deżert!"

Kollha nfexxew jidħku u qalulha bil-ġakulatorja tal-Felful.

Dan Ġanni, raġel twajjeb issemmix, kien Għargħuri u għalhekk kien devot ta' San Bert. Kien iħobb lill-Madonna wkoll, tant li biex ifaħħarha darba lili, kif konna niżlin in-niżla t'Alla u Ommu, aħna u sejrin lejn il-Magħtab, qalli "l-Madonna kienet ħajjata gwappa — mhux bħal Peppina tiegħi bil-kemm taf tagħmel roqgħa — u n-nies tar-raħal kollha għandha kienu jħitu!"

Trid tara lil dan Ġanni mdawwar b'qabda tfal imfarfrin (jien wieħed minnhom) u xi erbat irġiel magħmula, fi żmien il-Ġublew tal-1925 meta mill-Knisja konna mmorru tal-Mirakli bir-rużarju, biex nisimgħuh igħid "tal-bandiera u t-tanbur, tal-ġakketta ħamra fid-deżert" u xi tnejn oħra waqt il-litanija.

* * *

Darba fit-tard ġmielu suldat Ingliż mar fuq erbat irġiel ma' ġenb ħanut jistaqsihom għal "Żabbar gate to Cottonera" u l-iżjed wieħed ta' moħħu miftuħ minnhom qallhom li dak kien qiegħed ifittex liż-Żgħabur tal-kantuniera.

"Imxi ħa nurik fejn jogħqod iż-żgħabur" qallu, bil-malti u għamillu sinjal biex jimxi u telqu.

Naħseb li l-Ingiż fehem li dak sa jqabbdu t-triq għal Verdala Barracks, għad li kien Ħal Lija.

Bl-inġenwitá kollha dal-ħabib tagħna wasslu wara l-bieb taż-Żgħabur u ħabbatlu għal darba tnejn u meta dan deher fil-bieb bil-flanella u qalziet ta' taħt, għaliex kien ġa mar jorqod. "Salv" qallu dal-Ingliż qed jistaqsi għalik." Salvu qallu: "Yes Master?"

"I want Żabbar gate to Cottonera" wieġeb l-Ingliż. Mela mhux lili jrid dan, qal baxx, baxx u qallu "go way down straight, long way Żabbar" u b'idu wrieh liema triq jaqbad. U malli l-Ingliż warrab, iż-Żgħabur tgħidx kemm iżża ħajr lil Peppi talli qajmu għal xejn!

* * *

Ġanni ħanxuxa kien qabeż l-erba' għexieren biċċa sewwa u moħħu beda jegħja u erħilu jgħid li jrid mar-raħal. Darba ħareġ mid-dar u ntasab bil-qiegħda fuq it-tarġa l-kbira tal-mużajk ta' quddiem bieb il-villa li hemm fil-ħara, li dak iż-żmien aktarx li kienet għand il-Professur Caruana. X'ħin baramlu telaq 'il fuq, daħal ġo sqaq twil u mar ħabbat

il-bieb tar-remissa li kien hemm fil-faċċata. Katarin bexxqet il-bieb u malli rat lil Ġanni twil, twil igħajjat: "iftaħli, ħalli mmur ir-raħal" Katarin, imdaħħla fiż-żmien, qatt ma tidher barra ħlief għall-bżonn, beżgħet, għalqet il-bieb, żammet il-lukkett u deffset is-sokra u bdiet tgħajjat lil ħuha biex ikeċċih.

Huha Peppi, mgħawweġ bil-piż taż-żmien, xiref mit-tieqa tal-għorfa fuq ir-remissa u għajjatlu biex jitlaq, waqt li Ġanni mqabbad mal-ħabbata, igħajjat "iftaħli". Kienu qegħdin tajjeb: Katarin tixher minn ġewwa għax ħasbet li jrid jidħol għaliha biex joqtolha, u Peppi mit-tieqa jgħajjat "ċipuli laqċa ħajwattapielu" (ġibuli laqxa ħalli nwaddabħielu).

U did-daħka damet sejra sakemm waslet Mannan, mart Ġanni, warbitu minn mal-bieb ta' Katarin u wara ħaditu fuq karettun lejn id-dar, jew skond il-fehma tiegħu, lejn ir-raħal.

* * *

Fi tfuliti kont nismagħhom jirrakkuntaw kif darba fit-tard fil-għaxija xi erbat irġiel kienu f'ħanut jieħdu qatra nbid u jgerrmu xi żewġ fuliet inkaljati jew xi karawetta u jgħidu kelmtejn meta jisimgħu żewġ sparaturi u wieħed minn dawn igħid: "tih tir ieħor għax ma lqattux" u baqgħu jilagħbu. Wara mument jisimgħu l-krib u joħorġu u jsibu raġel mal-art jitkaxkar u jżomm żaqqu, u jsibu lill-midrub jkun jiġi ħu dak li biex jiċċajta qal: "tih tir ieħor għax ma qtiltux!"

Il-midrub qallhom min sparalu u ftit wara miet.

Xi tlett tijiem wara lil dak li spara jsibuh mgħallaq ġo kamra fit-triq tal-Imtarfa, taħt il-Villa Rumana, ir-Rabat.

---

# BEWSTEK

**Ta' Joseph Sciberras**

Lilek,
u lilek biss irrid,
u lil ħadd aktar ħliefek
għax Inti waħdek
ittini mħabbtek
kollha kemm hi, u sħiħa,
u bla mittiefsa
mingħajr ma toqgħod tqis u tkejjel,
la qabel w anqas wara,
kemm tkun ser tirbaħ
tal-bewsa tiegħek.

# ZORRO

Sketch ta' tfajjel.

**Ta' J.P. Vassallo**

*Għal James*

Għaddejt narah: ġie jiġri biex jilqagħni
Bix-xabla f'idu sabiex ibeżżagħni.

Taħt nitfa maskra sewda jleqqu għajnejn
Li jsebbħu t-tbissima tax-xofftejn

Imbexxqa bħal blanzun, kulur il-qroll
Jistiednu it-tagħniq u l-bews ukoll.

Maqfula m'għonqu kappa sewda ttir
biż-żeta bajda mħarbxa b'ġibs jew ġir.

Jaqbeż u jiġri u jitla' mat-turġien,
Jistaħba mal-purtieri u x'naf jien.

Issa jwerżaq donnu xi għafrid
Ixejjer xabla aħrax u mqit.

Sieket imbagħad u ġwejjed bħal ħalliel
Jirfes bla ħoss sabiex jiskansa xkiel.

Hekk igħaddi s-sigħat bla ħjiel ta' sabar
Sakemm bil-lejl ġo soddtu jmur jinġabar.

Igerger talb, għajnejh mitlufa ngħas,
Bil-mod il-mod tibda titqal ir-ras.

Jesus and Mary ... bless ... Daddy and Mummy
u jqiegħed siksnijiet ġo ħalqu d-dummy.

Jittajjar fuq il-ħolm tal-fantasija
Ma' Żorro u Don Diego u s-Sur Garcia.

# BĦALL-WARD

Ta' Joseph Sciberras

Il-ward ħamran,
fewwieħ,
ma jitlef xejn mill-ġmiel
għaxxieq
minkejja x-xewk
li fih,
u n-nigża li jagħtik
bla ħsieb...
L-istess il-ħajja:
ma titlef xejn mill-ferħ
u mis-sbuħija
imqar jekk f'xi waqtiet iġġagħalna nħossu
in-nigża tat-tbatija.

---

# LIL OMMI MEJTA

Ta' Wallace Ph. Gulia

After life's fitful fever he sleeps well."
"Tis that repeated shocks again, again,
Benumb the elastic powers."

intbaht bin-nuqqas tiegħek l-ewwel darba
mhux meta l-aħħar nifs minn ħalqek ħareġ,
u ħaġa mejta bqajt bħas-sodda tiegħek.
bla ħsieb, bla ħars u bla taħrik.
Qisek rieqda w msitrieħa wisq stħajjiltek
u wiċċek seraq leħħa ta' xbubitu—
bħal kieku kien il-ħsieb li jxejjaħ, joqtol,
u mhux iż-Żmien li jagħnet waqt li ngħixu.

Intbaht li wisq kont nieqsa xħin stennejna
waqt li ġo kaxxa b'sengħa wisq maħsuba
kont maqfula. Min ġej, min sejjer kien,
u ż-żmien kien wasal qrib u ma rajtekx;
u biex ikiddni għadda ħsieb minn rasi:
"Kif għad mhix hawn; Sa tħalli min jistenna?"
U nfqajt bla ħsieb, bla kliem, u bkejt tarbija.

# X'INHIJA L-ĦAJJA

**Ta' Michael Agius**

X'inhija l-ħajja tagħna l-bnedmin?
Eh...ħija...
Il-ħajja tagħna m'hijiex ħlief din:
Daqsxejn
imħabba u ħlewwa, xalar u ferħ
Kemmxejn
sabar u faraġ, nitfa serħ
Qatigħ
tbaqbiq u għali, għawġ u tinkit,
dagħdigħ
tgergir u dwejjaq, xogħ'l u taħbit.
Ruxxmata
xewk u torturi, u elf tbatija.
Qorċmata
dmugħ, hemm u mrar, u mewt faħxija.

# MERĦBA U MAKTUR

Sur Direttur,

Dwar in-nisel ta' MERĦBA u MAKTUR, fil-fehma tiegħi dawn iż-żewġ kelmiet ġejjin:

MERĦBA (mhux merbħa) mill-kelma lhudija RAHOB li tfisser 'fetaħ, wassa' t-triq, Raheb tfisser eremit, bniedem li jgħix għalih waħdu, maqtugħ mid-dinja u għalhekk MERĦBA ma setgħetx tnisslet minn Raheb għax it-tifsiriet tagħhom huma waħda kontra l-oħra.

Bħalma kulħadd jaf minn żmien il-qedem meta xi sultan, ġeneral jew xi bniedem ieħor kbir kien jerġa' lura f'artu rebbieħ wara xi taqbid, in-nies kienet tinġama' fit-toroq li minnhom kien ikollu jgħaddi, ħalli l-ġemgħat jarawh u jifirħu bih. Biex ma jħallux lin-nies irossu fuqu, is-suldati kienu iwassgħulu t-triq biex ikun jista' jgħaddi bla ebda tfixkil u n-nies ikunu jistgħu jarawh aħjar ukoll. Il-għajta tas-suldati lill-ġemgħat kienet tkun: "Iftħu, wessgħu t-triq".

MAKTUR mill-isqalli 'MACCATURI' mit-taljan MOCCIO mill-latin MUCUS/MUCCUS (mħat).

Nittama li xewqtu qtajthielu lis-sur Vincent Caruana.

Tiegħek bis-sedqa,
Michael Agius

# XEWQAT

**Ta' Francis P. Mifsud**
*Lil G. Galea, rumanzier*

L-isbaħ Xewqat
ta' hieni l-Milied
u tal-festa t-tajba
lilek nagħti
l-aqwa rumanzier
li gżiritna rat,
u int
ktibt u ġrajjet Malta
għollejt,
fi żmien ikrah fakkart
tal-ħakma fewdali,
u tal-Qajd ta' Tunes il-miġja,
imbagħad lil San Ġwann faħħart
u lil Ġilormu li bnieh,
mal-medda tas-snin
gwerra dinjija faqqgħet
u ġrajjietha fakkart
b'demm il-Malti.
u bħala avventurier
fakkart żmien tal-baħar il furbani,
u bl-Italja magħquda
u ta' l-Itaja l-ġibda lejna
fuq tal-partiti l-bidu ktibt,
fuq prima donna
u tat-teatru l-ħruq,
u fl-aħħar
żejjint tal-proża d-damma
bi żmien il-Kavalieri, l-Franċiżi u l-Ingliżi,
u lill-Malti għollejt
lill-Malti l-ilsien
lill-Malti l-ġens.

# DAN IL-PROGRAMMM

Ta' Oliver Friggieri.

Met' għad naraw id-dwal ta' fuq ix-xefaq
jintfew bil-mod wara xulxin u aħna
nibqgħu inħarsu mingħajr sens madwarna
fid-dlam ta' din ix-xmara b'ilma qiegħed, ...
Met' għad nisimgħu l-aħħar żiffa tonfoħ
għalxejn ġo ħalqna w il-kordi vokali
jinbarxu biex nokorbu flok nitkellmu, ...
Met' għad jitbiegħdu minna l-ħsejjes qodma
u nidħlu nkiss inkiss f'deżert komuni
ta' folol li jiftiehmu bis-sinjali, ...
Met' għad nixtiequ l-ġmiel ta' mara sħuna
biex tqabbad fina n-nar ta' ftit sekondi,
u nkunu ksaħna daqs l-irħam ta' qabar, ...
Met' għad inħarsu miblugħin fil-mera
u ma nħobbux il-wiċċ ta' mitt tikmixa, ...

Ikun intemm dan il-Programm sa fl-aħħar,
u mbagħad ħaġa ħafifa għalina nimxu
b'rasna baxxuta 'l barra mit-teatru.

---

# ERĠ'IBDA GHIDLI L-HREJJEF

Ta' Oliver Friggieri.

Erġ' ibda għidli l-ħrejjef li fl-imgħoddi,
bejn dell u ieħor ħdejn id-dawl tal-lampa,
ma kienu jieqfu qatt, mamá, minn fommok,
waqt l' inti ddur mal-kamra biex tifrixli
u d-dell ta' surtek sewda jiġri miegħi
ma' tul l-erba' ħitan, u jikber dejjem
bħan-nies tal-ħrejjef ħdejn iċ-ċokon tiegħi.

Erġ' ibda, ma, iżda tgħidlix il-ħrafa
ta' dak it-tifel ċkejken li llum kiber,
għax nafha sewwa.

# REĊENSJONIJIET

**L-ISQAQ** ta' Ġuże Chetcuti. Edizzjoni Klabb Kotba Maltin — 1971 Paġ. 151.

F'dan il-ktieb naqraw mhux biss storja partikulari, imma rakkont panoramiku ta' waħda min-naħiet popolari fil-Gżira tagħna: l-isqaq.

L-Isqaq hu l-post ewlieni fejn titwettaq il-ħajja komuni Maltija, fejn niltaqgħu ma' karattri rappresentativi tal-poplu baxx, fejn in-nies igħixu fil-miftuħ, igħidu dak li jħossu u jagħmlu dak li jidhrilhom; fejn l-imħabba u l-mibegħda, l-ipokrisija u l-irġulija, ir-regħba u l-ħniena jitħalltu ma' xulxin jitqabdu flimkien, imma wkoll jidraw jieħdu paċenzja b'xulxin, għax "il-ħajja hekk hi, il-bnedmin bħal katina, imsenslin flimkien."

Dan hu l-qofol ta' dan il-ktieb imfassal dwar ir-rakkont ta' wieħed xiħ li jġib quddiem għajnejh u jiftakar fil-għawġ, il-hemm, it-taħwid, fin-niket, fil-faqar, fil-ħjiena u f'ħafna għamil ieħor ta' tjieba u ta' ħażen, li ltaqa' magħhom matul il-milja tas-snin, minn tfulitu sa xjuħitu, u dik il-medda tħaddan l-epoka tal-petrolju u l-epoka tal-elettriku, imma, kif jikteb l-awtur, bejn l-epoka tal-petrolju u dik ta' l-elettriku hemm qabża kbira ġmielha: "kien għad baqa' s-snin twal biex nibdew naraw l-elettriku fl-inħawi tagħna, u għalhekk il-moħħ kien għad baqagħlu ħafna jibqa' mdallam f'dik l-atmosfera ta' swied u ta' dwejjaq qabel jara d-dawl ta' l-elettriku u jikber ma' l-isvilupp tax-xjenza u t-tixrid tar-riformi soċjali."

Checuti jfisser b'manjiera konvinċenti u bi stil mexxej u meqjus, it-tibdil fid-drawwiet u l-isvilupp tal-moħħ u tal-qalb kif ukoll tal-ħajja, tan-nies komuni li jagħtu sura lill-ġens Malti. Hu ma jintilefx fi spekulazzjonijiet teoretiċi, imma jisħaq fuq konsiderazzjonijiet loġiċi tal-kawża u l-effett li jżommu l-ħajja dejjem sejra 'l quddiem b'ġibdiet, xejriet, drawwiet u ħidmiet ġodda.

Fir-rakkont ta' "L-Isqaq" jidhru ħafna "vignettes" li qishom mirja tal-ħajja tan-nies ta' hemm u jixhtu dwal fuq bosta individwi li jgħoddu bħala xempji tal-kwalitajiet ta' dawk li jgħammru hemm: tifel imqareb, xbejba taħdem f'ħanut tax-xorb, mara mitluqa minn żewġha, xiħ misterjuż, nisa pċiepeċ. rġiel għażżenin u sakranazzi, ħallelin u qattelin jidħlu "in scena" u jirreċitaw il-parti tagħhom hekk tajjeb u bis-sengħa, li jżommu l-qarrej medhi fuq il-ktieb.

Il-karattri kif huma miġbudin bir-reqqa u bil-għaqal, jidhru ħajjin u mżewqin, l-azzjoni tagħhom hi naturali u taqbel mal-post fejn igħixu u kollox wieħed jista' jqis dan il-ktieb bħala l-aktar biċċa xogħol letterarja mżejna b'kuluri lokali. Fih xeni li huma tipikament Maltin e.g. il-bejjiegħ tal-ħobż (P.50), il-proċess fil-Qorti (P.98), it-tfal ta' l-isqaq (P.118) u oħrajn bħalhom ta' xeħta folkloristika; kollha flimkien jagħtu lill-ktieb xejra surrealistika, iżda mhux dak is-surrealiżmu iebes u bla ħajr li jtaqqal il-moħħ bla ma jfarraġ il-qalb.

Il-ktieb fih il-moral tiegħu: il-bniedem jitgħallem xi trodd id-dinja matul ħajtu, jiltaqa' ma' bosta tiġrib, imma fl-aħħar ma jibqagħlu xejn ħlief tifkiriet tal-imgħoddi u t-tama fil-Mulej, u filwaqt li ruħu "tistenna s-sejħa" Tiegħu, hu jħoss ruħu waħdu u bejn tnehida u oħra, igħid:

"Waħdi fix-xejn u l-baħħ ta' madwari.
Waħdi mad-dwejjaq tiegħi."

G.

---

**DAN MIN HU? IL-VANĠELU ta' SAN MARK.**

L-Għaqda Biblika Maltija, flimkien, jew bil-għajnuna tal-"United Bible Societies" kif ukoll tal-Kurja ta' Malta, ħarġet l-ewwel wieħed, maqlub minnha mill-oriġinal grieg għall-Malti, mis-sensiela tal-Kotba Mqaddsa — Il-Vanġelu ta' San Mark taħt l-isem DAN MIN HU? — mistoqsija li tul il-ħajja ta' Kristu u xi żmien wara, kien jagħmel il-poplu u li għaliha jwieġeb l-Evanġelista.

Il-format ta' dan il-ktejjeb hu tassew sabiħ, hekk li jħajrek ma titilqux minn idejk; mitbugħ fl-"Empire Press", Malta, hu wieħed mill-ftit kotba bil-Malti li ħareġ bla żbalji ta' l-istampa; id-daqs tiegħu hu komdu biex iġġorru miegħek sabiex tista' taqra l-Aħbar it-Tajba kull meta trid fiż-żmien ħieles li jkollok u b'hekk terfa' moħħok lejn Alla, titgħallem u allura tgħożż dejjem aktar il-Vanġelu. Għal dan igħinuk ħafna it-tifsir ċar fin-noti li jissoktaw igħollu s-siwi ta' dan ix-xogħol. Dan kollu jwassal lill-bniedem ta' rieda tajba biex jibni ħajtu aktar fis-sod fuq it-tagħlim ta' Kristu.

Kull min ħa sehem f'din il-ħidma ħaqqu kull tifħir, u jalla dan il-bidu tant tajjeb jissokta u jibqa' sejjer sat-tmiem, jiġifieri sakemm il-poplu malti jkollu f'idejh il-Kelma t'Alla, u f'dan ikun għall-inqas bħall-popli l-oħra nsara. Fl-imgħoddi kien hawn għadd ta' nies ġenerużi li għarfu din il-ħtieġa u ħadmu ħafna biex jimlew dak il-vojt, imma qabel l-opra manjifika ta' Saydon ma kellna qatt il-Bibbja kollha bil-Malti.

Din il-versjoni l-ġdida ħaqqha min ifaħħarha wkoll bħala biċċa xogħol letterarja, għaliex mexxejja. iddoqq għall-widna maltija tal-lum u taħrab mit-tgergir ta' ħafna nies għax kelma ma jifhmuhiex — ħaġa, li ngħiduha kif inhi, ġejja mill-injoranza tal-Ilsien Malti għax mhux koltivat kemm u kif imiss.

Hu minn awl id-dinja li aħna li drajna naqraw il-Bibbja tal-Professur Saydon, biex insejħulha hekk, kważi mingħajr ma rridu nagħmlu xi paraguni, infatti ninnotaw: li fil-versjoni l-ġdida, dik tal-Għaqda Biblika, inbidel xi kliem użat minn Saydon, hekk insibu deżert flok burr, ħabbar flok irsal, nitbaxxa flok immil, Spirtu Santu flok Ruħ il-Qodos, katina flok sliesel, xkiel flok qjud — u oħrajn: inbidlet ukoll il-kostruzzjoni ta' xi sentenzi, ngħidu aħna, 'kien Ġwanni liebes' f'ta' Saydon fi 'Ġwanni kien liebes' f'ta' L-Għaqda Bib-

lika, u oħrajn simili. X'aktarx li l-ewwel versjoni timxi aktar ma' l-istil malti, imma dan mhux dejjem, għaliex fil-ġdida nsibu 'tgħammed minn Ġwanni' waqt li fil-qadima Saydon jgħid 'kien imgħammed minn Ġwanni'. — bħal dawn hemm għadd mhux ħażin.

Alludejna għat-taqsima u għar-riferenzi lejn l-evanġeli l-oħra; fil-versjoni tal-Għaqda Biblika t-tqassim hu aktar dettaljat, u għalhekk igħin aktar; n'nnotaw ukoll li r-riferenzi bejn iż-żewġ versjonijiet mhux dejjem jaqblu, bħallikieku,

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Saydon: | Matt. 8. | 4-17 | Luq. | 4. | 38-44; | |
| u L-Għ. B.: | Matt. 8. | 4-17 | Luq. | 4. | 38-39 | |
| | Matt. 8. | 16 | Luq. | 4. | 40-41 | |
| | | | Luq. | 4. | 42-44 | — jew |
| Saydon: | Matt. 8. | 2-4 | Luq. | 5. | 12-16 | |
| u L-Għ. B.: | Matt. 8. | 1-4 | Luq. | 5. | 12-16 | |

iżda dawn l-irqaqat, jekk dak li nnotajna hu ta' xi siwi, inħalluhom għall-istudjużi serji tal-Bibbja li minnhom m'aħniex neqsin, u li jinsabu fi ħdan l-Għaqda Biblika Maltija.

Kollox ma' kollox insibu li ma hemmx x'tagħżel wisq bejn versjoni u oħra ħlief li tgħid li min ħadem fil-versjoni l-ġdida żgur li sab biċċa mit-triq iebsa ġa mwittija minn Saydon, filwaqt li kif ġa għidna, il-ġdida ser ikollha appell akbar għall-poplu għax iddoqq sabiħ f'widnejh u jiltaqa' ma' inqas tfixkil biex jifhem u jgħożż il-Bxara li wassal l-Evanġelista San Mark, jiġifieri li l-MIS-TENNI mill-ĠNUS kien ġie fost il-bnedmin u miet fuq is-Salib biex jifdihom.

**Z. A.**

---

**"Il-Ħajja Ta' Ġuża Bugeja"**, Minn Anton Haber, National Press — 1971 P. 48

Dan hu ktieb ieħor fis-sensiela tas-Sur Anton Haber li jittratta fuq ħajjiet mistiċi u ta' qdusija.

Ġuża Bugeja llum hi magħrufa u mogħtiha ġieħ, bħala xbejba sewwa u tar-ruħ, qaddejja tal-Mulej, mhux biss f'Malta iżda wkoll barra minn Malta. Kull filgħodu nisimgħu fuq ir-Rediffusion radd ta' ħajr għall-grazzi maqlugħa bl-interċessjoni ta' Ġuża Bugeja; għalhekk kien jixraq li d-devoti tagħha jkollhom tagħrif tajjeb u fil-qosor dwar ħajjetha.

Is-Sur Haber mhux biss tana tagħrif dwar ġrajjiet importanti, f'Malta u fil-Kanada, fil-ħajja qasira imma siewja, ta' din il-Maltija mseddqa bil-grazzja, iżda wkoll silet tagħlim mill-eżempji ta' tjieba u rassenjazzjoni li wettqet, tant li nissel minnhom xempju ta' xbejba nisranija li qatt ma tonqos mid-dmirijiet tagħha lejn il-proxximu u fuq kollox lejn Min ħalaqha.

Il-ktieb stampat tajjeb, mimli stampi u ritratti, u jgħodd ħafna għal dawk li jixtiequ jxerrdu d-devozzjoni lejn Ġuża Bugeja f'Malta u barra.

"**20 SENA ILU.**" Saċ. Ġius. Zarb Veritas Press, Zabbar — 1971. Paġ. 32

Dun Ġużepp Zarb illum sar magħruf mhux biss bħala Kappillan ħabrieki ta' Ħaż-Żabbar, imma wkoll bħala storjografu għaqli ta' Ħaż-Żabbar. Hu ma jehda qatt jikteb dwar il-parroċċa tiegħu li seddaqha mhux biss bil-kitba, iżda wkoll b'ħafna opri, fosthom Mużew u bini kbir ieħor li jagħmlu ġieh lil dik il-Belt ta' Hompesch.

Dan il-ktieb li ħareġ dan l-aħħar ifakkar il-festi sbieħ li saru għoxrin sena ilu meta l-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar kienet inkorunata "fost it-trijonfi u d-dimostrazzjonijiet ta' mħabba u qima lejn Marija SSma, li ma naħsibx li qatt dehru f'Malta bħal dawk." Kienu ħadu sehem sitt Isqfijiet u magħhom issieħbu l-Awtoritajiet tal-Gżira u l-poplu Malti.

Kollox u kulma sar hu mfisser tajjeb f'dan il-ktieb, imma barra t-tifkiriet ta' dawk il-festi kbar, il-ktieb fih ukoll tagħrif interessanti dwar fatti u ġrajjiet li għandhom x'jaqsmu mal-istorja tal-parroċċa in ġenerali u mas-santwarju in partikulari: hekk naqraw dwar id-devozzjoni li kellhom is-Slaten antiki ta' Malta lejn il-Madonna ta' Ħaż-Żabbar, rigali u għotjiet ta' qima minn devoti, kbarat u saħansitra Papiet, tiġrif u ġeddid tal-knisja, opri li saru fiha, festi, pellegrinaġġi, drawwiet u wkoll folklori li għandhom x'jaqsmu mas-Santwarju; insibu wkoll tagħrif dwar l-imblokki ta' żmien il-Franċiżi, battalja navali u episodju tal-Assedju ta' Vjenna.

Il-ktieb hu stampat sabiħ, fih ħafna xbihat u stampi, miktub bi stil ħafif u jqajjem interess fil-qarrejja mhux biss Żabbarin imma wkoll Maltin li jiddelettaw bl-istorja ta' pajjiżhom.

**G.**

---

**IL-PARROĊĊA TAL-PORTU SALVU U SAN DUMINKU,** mill-Professur Andrew Vella, O.P, S.Th.M, B. Litt (Oxon) stamprija Nazzjonali — 1971 P. 72

L-istorja tal-parroċċi hi ta' interess kbir għal dawk li jħobbu jistudjaw l-istorja ġenerali għax hi mera mhux biss tal-ħajja reliġjuża imma wkoll soċjali, u ħafna drabi politka tal-parruċċani li jagħmlu sehem mill-parroċċa. Dan igħodd għal kullimkien, iżda wisq aktar għal pajjiżna, Malta, għax fostna, il-ħajja tal-poplu hi marbuta ħafna mas-sentiment reliġjuż.

Għalhekk min jindaħal biex jikteb storja ta' parroċċa jeħtieġ iżomm quddiem għajnejh mhux biss dak li jiġri fil-knisja iżda wkoll dak li jsir barra l-knisja fost il-parruċċani, għax aktarx li l-episodji li tgħaddi minnhom il-knisja jkunu mqanqlin minn fehmiet, xejriet, xewqat u drawwiet ta' dawk li jgħammru fil-parroċċa. Dan kollu seħħlu jagħmel l-awtur ta' dan il-ktieb.

L-awtur hu l-Professur Andrew Vella, li bħalu ftit hawn fil-Gżejjer tagħna magħruf bħala awtorità f'dik li hi storja u jikteb mhux bis-sistema antik, jiġifieri jirripeti dak li jkunu qalu oħrajn qablu, imma skond ma trid ix-

xjenza llum, jiġifieri billi jistħarreġ u jistudja fatti, kronaki, reġistri u dokumenti biex jistabilixxi l-kawża u minnha jislet l-effett.

F'din l-istorja naqraw mhux biss dwar ġrajjiet reliġjużi li għaddew mill-Parroċċa tal-Portu Salvu. iżda wkoll niltaqgħu ma' aspetti tal-ħajja mqanqla mit-twegħir u mill-għawġ li sabu ruħhom fih il-Patrijiet Dumnikani u l-fidili matul erba' sekli li ilhom igħixu flimkien fil-Parroċċa tal-Belt.

L-awtur ifisser tajjeb u bil-għaqal il-ġibda tan-nies tal-Parroċċa lejn il-Bażilka tagħhom u jsemmi bir-reqqa ġrajja ewlenin li laqtu l-knisja kif ukoll lin-nies, bħalma huma taqlib fil-Gvern, flaġelli, tilwim bejn awtoritajiet, kontroversji, opri reliġjużi u assistenzjali, kif ukoll svilupp kulturali. Kollox ma' kollox, il-Parroċċa Domenikana kellha sehem kbir fl-isvilupp ċiviku, pastorali u reliġjuż tal-Belt kapitali ta' pajjiżna.

L-awtur ma ikkontentax ruħu billi jsemmi dokumenti biss, iżda saħħaħ il-kitba tiegħu billi ġieb bil-Malti l-aqwa dokumenti: u Bolli ta' Papiet, reskritti tal-Kurja Romana, u skrizzjonijiet li fuqhom hi mfassla l-istorja tal-Parroċċa. Dawk id-dokumenti konna nisimgħu bihom, imma qatt ma kellna okkażjoni naqrawhom bil-Malti biex jifhimhom kulħadd. Imma wieħed ma għandux jaħseb li l-ktieb mimli b'dokumenti biss. L-awtur jagħti deskrizzjoni ħajja ta' ċerimonji, funzjonijiet u wkoll ta' oġġetti prezzjużi u artistiċi li jagħmlu lill-knisja waħda mill-aktar sbieħ u rikki ta' Malta.

Għal dawn ir-raġunijiet il-ktieb tal-Professur Vella jibqa' ta' għajnuna kbira lill-istudjużi tal-istorja ta' Malta, u jservihom bħala bażi għal stħarriġ u tfittix dwar il-ġrajjiet ta' pajjiżna mhux biss fil-kamp reliġjuż iżda wkoll f'dak soċjali u intellettwali.

Il-ktieb stampat sabiħ, fuq karta fina, bl-istampi u jinqara bil-ħeffa Fih xi għeltiet ta' ortografija imma dawn ma jnaqqsux mill-valur intrinsiku tiegħu. Il-ktieb imissu u jixraqlu jidħol għall-anqas f'kull dar li tagħmel sehem mill-Parroċċa tal-Portu Salvu.

**G.**

---

**"ILMA SAFI"** Ġabra Ta' Poeżiji Għat-Tfal ta' Joseph Sciberras Empire Press. 1971. Paġ. 40

Il-letteratura tagħna hi nieqsa minn kotba għat-tfal. Il-ftit li għandna tgħoddhom fuq is-swaba' tal-idejn. Dan il-ktieb hu wieħed minnhom, u fuq kollox miktub poeżija.

X'uħud jaħsbu li għat-tfal igħaddi kollox, iżda mhux hekk, għax iż-żgħar minn qaddishom jinġibdu għal dak li hu sabiħ, imma s-sabiħ li jogħġobhom irid ikun ħafif u jifhmuh u jiggostawh bla ħafna taħbil il-moħħ.

Il-poeżiji li fih dan il-ktieb fihom dak li jeħtieġ biex jagħti pjaċir lit-tfal:

stil mexxej imma mirqum, kliem ħafif, ħsieb ċar: ritmu ferrieħi u armonija jdoqq u tajjeb fil-widnejn. Il-poeżiji huma mfasslin bla taħwid fil-konċett u fl-espressjoni; huma hekk ħfief li tifel jista' jitgħallimhom bl-amment. Il-qari ta' dawn il-poeżiji ma jdejjaqx, anzi billi l-poeżiji huma qsar il-qarrej jaħtafhom waħda wara l-oħra bħalma jiekol ċirasa wara l-oħra minn qoffa. Dawk il-poeżiji żgħar, fi strofa waħda, jiġbru fi ftit kliem ħsibijiet għoljin jew veritajiet sagrosanti, e.g.

**Id-Dielja**
"Egħnieqed t'gheneb
Suwed u bojod
tkabbar id-dielja għammiela
u qatt ma tisker"

**Beżżiegħi**
"Iljun bla snien
ħarab lit-tigra u qabeż
fuq ħaruf ġwejjed"

Din il-ġabra jiena nisthajjilha bħala espressjoni ta' sentimenti li jħossu t-tfal innoċenti, tant hu hekk li bosta mill-poeżijiet miktubin bħala għana tat-tfal. Din l-ewwel strofa ta' l-ewwel poeżija tiġbor fiha l-ħsieb ewlieni tal-ktieb:

"Aħna t-tfal ċkejknin ta' Malta
— kemm il-kwieti u l-imqarbin —
fejn inkunu naqbżu u niġru
u nilagħbu ferħanin".

Il-biċċa l-kbira tal-poeżijiet jeżaltaw il-ġmiel tan-natura: **"Il-Baħar"**, **'Ward'**, **'Pepprin Aħmar'**, **'Ix-Xita,'** **'Iż-Żiffa'**; oħrajn fihom il-moral jew tagħlima, bħal **'L-Egoista'**, **'Kull Kelma,'** **'Beżżiegħi,'** **'Demgħa'**.

Ktieb bħal dan imissu jsir popolari ħafna mhux biss fl-iskejjel, imma wkoll f'kull post fejn jiltaqgħu t-tfal. Nittamaw li l-awtur jibqa' jixxiegħel f'din il-għamla ta' kitba.

**G.**

---

**"Lil Hemm Mil-Lanterna"** Minn Joe Calleja. Edituri A.C. Aquilina & Co. Valletta, 1971. Paġ. 117

Dan il-ktieb ħareġ għall-ħabta tal-Milied, żmien adattat għax-xejra ta' novelli li fih. Fih ġabra ta' stejjer qosra dwar żewġ ġrajjiet mill-aktar għeżież għalina l-Insara: il-Milied u l-Ġimgħa l-Kbira.

L-ewwel ħames novelli huma minsuġin dwar it-twelid ta' Ġesu' Bambin; huma ġrajjiet ħelwin, ħfief, imżewqin b'xeni pastorali u drawwiet tal-bdiewa u ħaddiema żgħar. X'uħud huma aktar "vignettes" milli novelli sentimentali.

Erba' novelli oħrajn ifakkru l-passjoni u l- mewt ta' Sidna Ġesu' Kristu. Fihom dehriet ta' niket u tqanqil il-qalb. L-awtur żamm sħiħ mar-rakkonti bibliki, u ta sura ħarkiena lill-karattri tan-novelli tiegħu, fuq kollox hu għamel mill-aħjar biex ifisser is-sentiment tal-Lhud u t-taħwid li kien jeżisti fi żmien Kristu.

L-aħħar erba' novelli huma mislutin mill-ħajja ta' kuljum. Fihom persunaġġi maqlugħin tajjeb, u ċerti riflessjonijiet serji dwar il-qagħda u l-imġiba tal-bnedmin fis-seklu li qegħdin ngħixu fih, hekk li jqanqlu moħħ il-qarrej biex jaħseb u jirrifletti. In-novella 'Anton'' għalija hi l-aħjar waħda għax tagħti sura perfetta ta' tifel li jidher stramb iżda mqanqal minn fehmiet ta' min ifaħħarhom.

L-istejjer kollha huma miġbudin fil-qosor u jgħoddu wisq biex jinqraw miż-żgħar, għax minnhom jitgħallmu ħafna dwar episodji bibliki, imma l-kbar jaqraw ukoll dan il-ktieb bi profitt u pjaċir, għax qari bħal dan iserraħ il-moħħ u jfarraġ il-qalb.

Il-forma tal-ktieb hi tajba u l-istampa fina, imma mid-dehra l-istampar kien mgħaġġel għax fih ħafna żbalji ta' ortografija u hemm ukoll taqlib ta' versi. Dawn huma difetti żgħar li wieħed jista' jirranġahom f'edizzjoni oħra.

**G.**

---

**KANTIĊI FUQ IL-LITANIJA TAL-MADONNA** ta' Manwel Nicholas Borg; Paġni 50. Stampat fil-Union Press.

Nistgħu ngħidu li l-influwenza reliġjuża tinħass ħafna fost il-kittieba u l-poeti tal-Malti. Dan minħabba li Malta dejjem kellha tradizzjoni qawwija f'dik li għandha x'taqsam ir-reliġjon nisranija. Għalhekk jekk jkollna nqallbu fl-antoloġiji li ħarġu, insibu li t-togħma reliġjuża mhi nieqsa qatt.

Dari, il-poeti kienu jħabirku biex ifaħħru l-qaddis tagħhom bl-isbaħ poeżiji għal xi okkażjoni ta' festa hekk li l-popolin dawn il-versi kien isejħilhom "sunetti tal-festi", għalkemm dawn ma għandhom xejn x'jaqsmu mat-tifsira ta' sunett li huwa mqassam fuq erbatax-il vers.

Il-poeżija reliġjuża hija qadima fi gżiritna. L-ewwel ma nsibu hu lill-Monsinjur Ludovik Mifsud Tomasi li ħareġ bl-ewwel ġabra ta' kurunelli. Insibu wkoll lil Richard Taylor li xandar xi versi mexxejja bi ħsebijiet oħra bħal Ġann Anton Vassallo, Ġuże' Muscat Azzopardi, il-Professur Anastasju Cuschieri u Monsinjur Karm Psaila ħarġu fl-aqwa lwien tagħhom, li qajla dehru bħalhom. Hekk li ta' l-ewwel ingħata l-isem ta' "Il-Poeta tal-Madonna" u l-ieħor "Il-Poeta ta' Kristu."

Kif għidna, illum it-tendenza għall-poeżija reliġjuża għadha f'xi wħud mill-poeti u xi kultant tiltaqa' ma' xi ġabra ta' poeżiji li hija għal kollox reliġjuża, kif ġara meta ħarġet il-ġabra ta' disgħa u erbgħin sunett shakesperjan, "Kantiċi fuq Litanija tal-Madonna" li huma mlehmin mit-titli tal-litanija tal-Ma-

donna. Il-kittieb ta' dawn is-sunetti huwa Manwel Nicholas Borg li dan l-aħħar iltqajna ma' ismu wkoll fl-antoloġija li ħarġet fost il-poeti Maltin fl-Awstralja, "Driegħ ma' Driegħ."

Manwel Nicholas Borg fl-1967 ħareġ l-antoloġija għalih waħdu bl-isem "L-Għanja Maltija fl-Awstralja." Aktar qabel huwa kien xandar il-poema reliġjuża 'Ma' Ġesu' fl-Aħħar Sigħat ta' Ħajtu'; ir-rumanz 'Ċesri u d-Demokrazija' kif ukoll il-ġabra ta' poeżiji "Dawl fid-Dlam."

Is-sunetti ta' Borg li jidhru fil-Kantiċi huma mibnija bl-akbar sengħa tal-metrika. Huwa wera li jaf iħaddem tajjeb ir-rima, għalkemm xi drabi huma ftit imġebbdin. Nistgħu ngħidu li għandu id tajba biex isawwar il-versi.

Madankollu f'dawn il-versi ta' tifhir milqutin mil-litanija, fil-fehma tiegħi, il-poeta deher li sab ruħu marbut wisq. Hekk li xi drabi wieħed jiltaqa' ma' ħsebijiet imtennija u aġġettivi mqegħdin mhux f'posthom. Jiena tal-fehma li f'xi sunetti m'hemm l-ebda ħajr minħabba li l-poeta ma sabx xi jgħid biex ikompli jfisser ħsebijietu.

Imma f'dan il-ktejjeb jien inħoss li wieħed għandu jħares b'għajn tajba lejn Manwel Nicholas Borg li għaraf iżomm sħiħ ma' twemminu minkejja li huwa mbiegħed fl-Awstralja fejn hemm il-beraħ tal-ħajja materjali. Lil dan il-poeta jistħoqqlu wkoll il-ġieħ ta' kull Malti għax għaraf ukoll iżomm tixgħel il-fjamma letterarja tal-Malti.

PAWLU CACHIA

---

**IR-RAHEB** (Erin Serracino Inglott, edizzjoni Klabb Kotba Maltin; Lux Press, 1971).

Il-ħidma li qiegħed iwettaq il-Klabb Kotba Maltin (65, Vjal il-Knisja, Raħal Ġdid, Tel. 20594) ta' Pawlu Mizzi għad tidher iżjed meta l-Klabb ikun jista' jiftaħar b'għadd sabiħ ta' kotba li jkun ħareġ. Sa issa diġa ta prova qawwija ħafna ta' kemm jemmen fil-professjonaliżmu, kemm f'dik li hija għażla ta' xogħlijiet (oriġinali, traduzzjonijiet jew edizzjonijiet ġodda) u kemm f'dik li hija preżentazzjoni teknika lill-qarrejja li llum draw b'kotba barranin lussużi.

"Ir-Raheb," id-dramm klassiku ta' Erin Serracino Inglott, kien wieħed mill-aħħar eżempji ta' dan li qiegħed ngħid. Biżżejjed wieħed jiftakar li l-awtur ilu li kiteb dan id-dramm madwar tletin sena, u kien għadu qatt ma ra d-dawl. Aktarx ukoll li qatt ma kien jixxandar li kieku ma ddaħħalx fil-programm wiesa' tal-Klabb Kotba Maltin. Li kieku xxandar ftit wara li nkiteb, kien ikun ħareġ iżjed fi żmienu, għallinqas skond il-qagħda li kienet tinsab fiha l-letteratura tagħna. Illum, għalhekk, li tbiddlu l-gosti u beda dieħel nifs qawwi ta' saħħa ġdida fil-kitba maltija, dan id-dramm epiku jiswa ta' żjieda mix-

tieqa fit-taqsima klassika. Għaliex? Għaliex jekk il-poeżija u l-qasam tan-narrativa mtlew ġmielhom bl-ispirazzjoni ċivili u storika, u ħaddmu kemm felħu l-istil klassiku, it-teatru baqa' lura ħafna, u nissel żbilanċ kbir. Iżjed u iżjed it-teatru poetiku li, sa ftit snin ilu, kien iħaddan biss "Il-Fidwa tal-Bdiewa." Terġa' Ninu Cremona kellu l-għan doppju li mhux biss ifisser ruħu bħal kull artist ieħor, iżda li juri s-setgħat lingwistiċi tal-Malti. U dan fixklu mhux ftit fl-ispirazzjoni, u l-iżjed fl-unità tagħha. Ġara li l-grammaturgu rebaħ fuq il-poeta. Madankollu, il-valuri tagħha swew biex qiegħdu s-sisien għal drammi poetiċi oħrajn, fosthom "Ir-Raheb". U mad-dramm imsemmi jmur "Il-Barrani" (1956) li m'ilux sab xortih fi produzzjoni tajba ħafna ta' Mario Azzopardi, f'isem il-Moviment Qawmien Letterarju, fil-Palazz Vilhena, l-Imdina. Aktarx li "Ir-Raheb" ukoll se jiġi ippreżentat fi żmien qasir.

Iż-żewġ drammi jimxu id f'id, kemm f'dak li huwa stil poetiku, u kemm f'dik li hija nisġa ta' karattri, storja, idejoloġija u ambjentazzjoni. Hemm valuri spiritwali ta' karattru u ta' poplu sħiħ li qiegħed dejjem wara l-purtieri tal-kamra fejn iseħħ kollox. Hemm waqtiet ta' emozzjoni qawwija, waqtiet ta' qilla, u waqtiet meta l-ħoss ħelu tal-kelma maltija huwa biżżejjed biex isaħħar l-udjenza. Tabilħaqq, Erin Serracino Inglott huwa grammaturgu l-ħin kollu, u xi drabi jiġri li l-irqaqat lingwistiċi jaħarbu bih. Hemm preċiżjoni sħiħa ta' sentenzi klassiċi, mirquma, u ta' kliem semitiku magħżul għat-tifsira u l-effett fonetiku tiegħu.

Jiġifieri, dan id-dramm irid jitreġġa' lura fiż-żmien u jitqiegħed fost il-klassiċi tal-letteratura maltija, minkejja li għadu kemm ħareġ fi żmienna. Huwa xogħol li jrid jitqiegħed fl-istess dinja tal-poeżiji ta' Muscat Azzopardi, Dun Karm u Cushieri, u tan-narrattiva ta' A.E. Caruana, Ġuże' Muscat Azzopardi u Ġuże' Galea. Jieħu sehem mill-istess ruħ u jgħix fl-istess dinja tagħhom.

It-tħaddim ta' l-endekasillabu, sa ftit żmien ilu, kien marbut iżżejjed, jew biss ma' Dun Karm tal-"Jien u Lil Hinn Minnu" u l-aqwa poeżiji. Kienet ħasra għaliex il-poeta nazzjonali ma huwiex il-poeta li ħaddem dak il-metru l-aħjar dejjem; xi drabi, bħal f'"Ġannina Pisani" u fl-"Otia Aestiva", il-vers għenu biex ikun diskursiv u jinża' l-bixra impersunali tas-soltu. Madankollu, kien u għadu l-aħjar imgħallem, u mgħallem mill-ifjen, tiegħu. Biss, il-varjetà hija meħtieġa. U Serracino Inglott, li nħass l-iżjed bil-"Barrani," u issa iżjed b'"Ir-Raheb", se jerġa' jġegħelna naraw f'dawl aħjar il-ġmiel tal-vers tal-ħdax bħala medju għal dramm li jrid jinħadem u jinftiehem mill-ewwel udjenza.

Il-volum, ktieb ieħor fis-sensiela ta' kull xahar tal-Klabb Kotba Maltin, hu mitbugħ fuq karta ċara, u għandu disinn artistiku ta' Mario Azzopardi fuq il-qoxra. Bħal f'kull każ ieħor ta' ktieb tal-klabb, "Ir-Raheb" jinsab għall-bejgħ għand il-ħwienet (bi prezz ogħla milli għall-imseħbin tal-K.K.M.).

**Oliver Friggieri**

## WERREJ GĦAS-SENA 1971


facċ.

**Abela, Ċ.**

Iz-Zija Pepp ... ... ... ... 80

**Agius, Michael**

Sqalli, Taljan jew Semin ... ... ... ... 50
Għall-Kitba tajba bil-Malti ... ... ... ... 85
X'inhija l-Ħajja .. ... ... ... 115
Merħba u Maktur ... ... ... ... 115

**Aquilina, Pawlu**

Kanni-Kannizzati . . . ? ! ... ... ... ... 82

**Azzopardi, Ġer.**

Ftietaq Ċkejknin ... ... ... ... 110

**Borg, Albert J.**

Mikiel Anton Vassalli kif jidher f'"Taħt Tliet Saltniet", fi "Id-Dinja Rota" u f'"Vassalli u Żminijietu" ... ... ... ... 67

**Bovingdon, Rodrig**

Weġgħa u Sogħba ... ... ... ... 6

**Buhagiar, Spiro**

Lil P. Dwardu Fenech ... ... ... ... 41

**Cachia, Pawlu**

Żewġ Demgħat ... ... ... ... 30
Lill-Kburi ... ... ... ... 66

**Caruana, Vincent**

Ittra lis-Segretarju ... ... ... ... 45

**Editur**

Għeluq il-Ħamsin Sena ... ... ... ... 3
Il-Professur Tabone ... ... ... ... 32
Il-Malti fil-Ħajja ta' Kuljum ... ... ... ... 33
Nifirħu ... ... ... ... 47
Okkażjoni Storika ... ... ... ... 65
Ġieħ lil min jistħoqqlu ... ... ... ... 97

**Ellul Galea, Karmenu**

It-Toqol ta' Delli ... ... ... ... 48

**Fenech, Rev. P. Dwardu, O.S.A., B.A. (Hons)**

Gradi ta' Verità ... ... ... ... 38

**Friggieri, Oliver, B.A.**

Il-Lejla t-Toroq ... ... ... ... 44
Dan il-Programm ... ... ... ... 117
Erġ'ibda għidli l-Ħrejjef ... ... ... ... 117

**Galea, Prof. Dr. Ġużè, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.**

The Cultivation and Familiarization of Vernacular Languages in the British Commonwealth ... ... ... ... 7

**Gulia, Wallace PH., LL.D., B.A., B.Sc., M.A., D.P.A.**

Ta' Min Kultant Jiftakar ... ... ... ... 9
Meta Qalil Nintlaqat ... ... ... ... 83
Lil Ommi Mejta ... ... ... ... 114

**Mangion, F.X.**

Iżmerija ... ... ... ... 99

**Mangion, Stanley**

Jum ma' Rożi ... ... ... ... 46

**Massa, Alfred**

Lil John F. Kennedy ... ... ... ... 44

**Mifsud, Francis P.**

Xewqat ... ... ... ... 116

**Reċensjonijiet**

Ġunju ... ... ... ... 57
Settembru ... ... ... ... 89
Diċembru ... ... ... ... 118

**Sant, Prof. Dun Karm, D.D., S.S.D., B.A.**

Mons. Prof. P. P. Saydon ... ... ... ... 31

**Sciberras, Joseph**

Bewstek ... ... ... ... 112
Bħall-Ward ... ... ... ... 114

**Vassallo, Kav. J.P., O.B.E.**

Il-Ballata tal-Belt ... ... ... ... 35
Zorro ... ... ... ... 113

**Vella, J.P., B. Educ., Dip. Ed. (Edin.)**

Franġisku Saverju Caruana ... ... ... ... 11

**Zahra, Trevor**

Tqanqiliet ... ... ... ... 84

**Zarb, Dwardu**

Għanja lill-Hemda ... ... ... ... 42
Non Omnis Moriar ... ... ... ... 43